"jekk int, ġo fik, tnissel ukoll il-għodod
tal-ħdejjed u l-azzar
biex tara lilna lkoll nitqatlu bihom
fid-dmija u fin-nar?"

Hekk qal il-Bniedem, wiċċu fl-art, imbikki,
maħqur u bla serħan.
U l-art semgħtu, u kollha ħlewwa wieġbet :
"Mhux jien għamiltlek dan,

"ibni għażiż. Int taf li jien ħabbejtek
u ridtlek biss il-ġid.
Għaliex qed tgħidli hekk? Kull m'għandi tiegħek :
bl-azzar u bil-ħadid

"li jiena ħżint fi ħdani int bnejt id-dinja
u d-dar kennija għalik :
huma l-għodda tal-ġid jekk tħaddem ħsiebek !
Le, le, mhux jien dbakt bik !

"Hares ġo fik biex int tkun taf mnejn ġejja
dil-ħerba kollha demm.
Idħol f'qalb il-bnedmin u l-għodod kiefra
issibhom kollha hemm !"

## LIL MARY MEYLAK

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

Bint Għawdex ħlejju, demm il-Poeżija !
Għannejja kbira ta' Lsien ħelu tagħna !
Tħobb mingħajr qies il-ħwejjeġ żgħar, moħbija
u l-għanja toħolqilhom u ssemmagħna.
Jien ngħaddi sigħat sħaħ, fil-ferħ medhija,
inqalleb kotba tagħha : proża u għana :
Insib kull paġna ta' kull ktieb mimlija
bi ħlewwa li ttaffili l-qalb għatxana.
Mill-qabar qajmet lill-Granmastri kollha,
mill-kliem ta' Lsienna ħolqot sa r-Rejiet,
u tatna dehriet sbieħ ta' Rħula Għawdxija.
Il-Villa tagħha—post tal-Fantażija—
lil Malta Letterarja wisq għaniet :
Din Mary Meylak saħħret qalb il-folla.



# Siltiet Minn 'Il-Ħabs Tiegħi' ta' Silvio Pellico

*Traduzzjoni ta'* PATRI VAL. V. BARBARA

*Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru, 1820, Silvju Pellico ġie arrestat f'Milan mill-Gvern Awstrjak li dik il-ħabta kien jaħkem fuq in-naħa ta' fuq ta' l-Italja. Huwa ġie mixli li kien imsieħeb f'xirka moħbija li riedet taħwi l-Istat, u għalhekk mitfugħ fil-ħabs ta' Sta. Margarita ta' Milan, sakemm jiġi mressaq quddiem il-qorti. — Fl-ewwel kapitli tal-ktieb tiegħu, Pellico jitkellem fuq dak kollu li ġralu f'dan il-ħabs, kif ukoll fuq il-persuni li magħhom b'xi mod iltaqa', fosthom l-imsejkna*

### LIENI

Mill-mogħdija li kien hemm taħt it-tieqa, fi nvell wieħed mal-kamra tiegħi, minn fil-għodu sa fil-għaxija kienu ġejjin u sejrin ħabsin oħra mseħbin mis-sekondini (1); kienu jmorru biex jistħarrġuhom u jerġgħu lura. Il-biċċa l-kbira kont issibhom ċħatar. Iżda ġie li rajt lil xi ħadd li kien jidher ta' qatgħa tajba. Għad li qatt ma stajt inħares lejhom tit-tul biili kienu jgħaddu mgħaġġla ħafna, madankollu kienu jwaqqfuli ħsiebi fuqhom; ftit jew wisq kont nitħassarhom ilkoll. Għall-ewwel did-dehra ta' swied il-qalb ħabtet sejra tkabbar in-niket tiegħi; iżda bil-ftit il-ftit drajtha wkoll, u waslet biex hija nfisha ttaffi d-dwejjaq tal-qagħda ta' waħdi.

Minn hemm kienu jgħaddu wkoll ħafna nisa ħabsin. Dik il-mogħdija kienet twassal sa bieb kbir li jagħti għal fuq bitħa oħra, u hemm kien jinsab il-ħabs tan-nisa u l-isptar tas-sifilitiki. Ħajt wieħed u rqiq ħafna kien jifridni minn waħda mill-kmamar tan-nisa. Bosta drabi dawk l-imsejknin kienu jtarrxuni bil-għana tagħhom, u xi drabi bit-tilwim tagħhom. Fil-għaxija meta jkun għamel il-ħin u l-ħsejjes kollha jkunu hedew, jien kont nismagħhom jitkellmu bejniethom.

Li ridt naqbad nitkellem magħhom, stajt. Iżda ma nafx għaliex, dan qatt ma għamiltu. Għall-misthija? Għall-kburija?

(1) Hekk isejħulhom il-għassiesa ta' taħt il-kbir.